

Brussell, 22 ta' Jannar 2015
(OR. en)

5263/1/15
REV 1

Fajl Interistituzzjonali:
2014/0079 (NLE)

PECHE 19

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Nru. dok. preċ.: Suġġett:	ST 7584/14 PECHE 135 + ADD1 - COM(2014) 139 final Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles dwar l-aċċess għall-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tas-Seychelles għall-ilmijiet u r-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar tal-Majott, taħt il-ġurisdizzjoni tal-Unjoni Ewropea - <i>adozzjoni</i>

1. Fl-10 ta' Marzu, il-Kummissjoni Ewropea adottat proposta għad-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq. Il-proposta ssegwi l-bidla fl-istatus tal-Majott li sar reġjun ultraperiferiku tal-UE fl-1 ta' Jannar 2014.
2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika Interna u Esterna tas-Sajd ikkonkluda l-eżami tal-proposta fit-18 ta' Marzu 2014. Id-delegazzjoni Franċiża fakkret li bħal fil-każ ta' Deċiżjonijiet oħra għall-konklużjoni ta' ftehim jew protokoll, il-bażi legali għandha tagħmel referenza għall-Artikolu 43 TFUE kollu u mhux l-Artikolu 43(2) biss. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni ħabbar li l-Kummissjoni ser tagħmel dikjarazzjoni dwar il-bidla fil-bażi legali. Il-Presidenza nnotat l-appoġġ tad-delegazzjonijiet għall-proposta b'bażi legali emendata.

3. Fl-14 ta' April 2014 il-Kunsill iddeċieda b'mod unanimu li jbidel il-bażi legali għall-"Artikolu 43 flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) u l-Artikolu 218(7) TFUE". Il-Kunsill iddeċieda wkoll li jiffirma u japplika b'mod proviżorju l-Ftehim.^[3] L-iffirmar seħħ fl-20 ta' Mejju 2014.^[4]
4. Wara t-talba tal-Kunsill, fit-13 ta' Jannar 2015 il-Parlament Ewropew ta l-kunsens tiegħu għall-konklużjoni tal-Protokoll.
5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill, f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss:
 - (a) jadotta d-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim kif tinsab fid-dok.
ST 7911/14 PECHE 147 (kif iffinalizzat mill-Ġuristi-Lingwisti);
 - (b) idagħħal fil-minuti tas-sessjoni d-dikjarazzjonijiet li jinsabu fl-addendum għal din in-nota.

^[3] Ara d-dokument ST 7988/1/14 PECHE 150 REV 1 + ADD 1.

^[4] Id-deċiżjoni dwar l-iffirmar u l-Ftehim iffirmit għew ippubblikati fil-ĠU L 167, 6.6.2014, p. 1.